# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

**Laqgħa Numru 52**

Il-Ġimgħa 12 t'Awwissu 2022

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġużè' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ġimgħa 12 t'Awwissu 2022 fis-7.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 52.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

52.1.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-Kunsillier Joseph Cauchi informa lill-Kunsill li ser ikun indispost. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġija.

### 52.2 *Cat feeding* fi Triq Dun Spir Gauci k/m Triq Ta’ Rinota, Il-Munxar;

52.2.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li bħalma diġa’ ġie diskuss diversi drabi, il-Kunsill jirċievi diversi ilmenti minn residenti dwar *cat feeding* f’postijiet pubbliċi u dwar il-ħmieġ li jitħalla b’kaġun ta’ inkonvenjent lil residenti oħrajn speċjalment fil-post imsemmi jiġifieri ħdejn ir-roundabout fi Triq Dun Spir Gauci k/m Triq Ta’ Rinota, il-Munxar.

52.2.2

Is-Sindku informa lill-membri li diġa’ ttieħdu passi f’dan il-konfront u kienet twaħlet tabella sabiex ma jitħalliex ħmieġ u kontenituri wara li jsir il-*cat feeding*. Sfortunatament, din is-sitwazzjoni baqgħet teskala u dan wassal għal tilwim u dizgwid bejn ir-residenti. Għaldaqstant is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill skatta proċess sabiex jinforma lir-residenti ta’ dawk l-inħawi u mhux jagħlaq għajnejh għal dak li kien qed jiġri bejn ir-residenti.

52.2.3

Is-Sindku qal li l-informazzjoni lir-residenti tal-madwar ittieħdet *out of context* mill-mezzi tal-midja għax mhux veritier li l-Kunsill ma jridx lill-*cat feeders* jagħlfu lill-qtates, iżda l-Kunsill irid ikompli jissapportjahom u tinstab soluzzjoni biex dawn il-qtates jibqgħu jiġu mitmuha f’post aktar adegwat.

52.2.4

Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill kien diġa’ għamel kuntatt mas-sezzjoni tal-*Animal Welfare* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex iżda l-Kunsill kien għadu ma rċieva l-ebda gwida.

52.2.5

Is-Sindku kkonkluda li minħabba l-istqarrijiet fil-midja jipproponi sabiex il-Kunsill joħroġ stqarrija dwar dan filwaqt li tibda

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

konsultazzjoni immedjata mar-residenti, *cat feeders* u *Animal Welfare* biex tinstab l-aħjar soluzzjoni. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

## 52.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

52.3.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 25 t'Awwissu 2022.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR